

Brussell, 24 ta' Settembru 2019
(OR. en)

8491/19

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0264(COD)

CODEC 922
STATIS 30
SOC 308
EMPL 228
EDUC 201
SAN 211
ECOFIN 399
PE 182

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-proċedura ta' Corrigendum (Strasburgu, 16 ta' April 2019 u 17 ta' Settembru 2019)

I. INTRODUZZJONI*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl legiſlattiv fl-ewwel qari.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5

Dan il-fajl kien mistenni² jgħaddi mill-proċedura ta' Corrigendum³ fil-Parlament Ewropew il-ġdid wara l-adozzjoni mill-Parlament preċedenti tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

II. VOTI

Fis-seduta tiegħu tas-16 ta' April 2019, u wara negozjati interistituzzjonali informali, il-Parlament Ewropew adotta l-emenda 77 (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) għall-proposta tal-Kummissjoni u risoluzzjoni leġislattiva bil-ksieb tal-adozzjoni tal-proposta msemmija hawn fuq, li tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti tat-test adottat, fis-17 ta' Settembru 2019 il-Parlament Ewropew approva corrigendum għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

B'dan il-corrigendum, il-Kunsill għandu jkun jista' japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif imniżżla fl-Anness⁴ ma' dan, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² 8507/19

³ Regola 241, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

⁴ It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsab fl-Anness. L-emendi huma ppreżentati fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-istabbiliment ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni (COM(2016)0551 – C8-0345/2016 – 2016/0264(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0551),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0345/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati mill-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fejn huwa ddikjarat li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Marzu 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0247/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019.

Billi:

- (1) ***Id-data u l-indikaturi statistiċi huma s-sinsla ta' politika responsabbli bbażata fuq l-evidenza.*** Fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 u t-tisħiħ tal-governanza ekonomika, l-indikaturi soċjali jaqdu rwol essenzjali billi jinfurmaw u jappoġġaw il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni **■**. ***Dawk il-prijoritajiet jirrigwardaw b'mod partikolari t-tkabbir inklużiv u sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi; il-koeżjoni soċjali;■ it-tnaqqis tal-faqar, tal-inugwaljanzi u tal-esklużjoni soċjali; l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità, u t-trattament ugwali; u l-ħiliet, il-mobbiltà u l-ekonomija diġitali.*** B'mod partikolari, ***huma meħtieġa*** indikaturi soċjali biex jipprovdu bażi statistika soda għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politiki introdotti mill-Unjoni ***u mill-Istati Membri*** biex jindirizzaw dawk il-prijoritajiet. ***L-istatistika soċjali ta' kwalità għolja hija meħtieġa biex l-Unjoni u l-miri tagħha tal-koeżjoni jkunu aktar reżiljenti u biex jinżammu l-livelli tagħha fil-ħarsien soċjali. Id-data ta' kwalità hija wkoll ta' importanza fundamentali bħala tarka kontra informazzjoni qarrieqa.***

■

- (2) ***Għat-tisħiħ tal-għanijiet soċjali fis-semestru Ewropew, l-istatistika soċjali taqdi rwol fundamentali, u huwa essenzjali li ntejbu d-disponibbiltà tal-indikaturi soċjali sabiex niżguraw li dawn jiġu pprovduti fi żmien debitu għall-oqfsa tal-politika rilevanti. Bit-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tas-semestru Ewropew, l-Unjoni u l-miri tagħha ta' koeżjoni jsiru aktar reżiljenti, u ż-żamma tal-livelli fil-ħarsien soċjali tkun iggarantita.***

- (3) *Konformement mal-inizjattiva "Beyond GDP" ("Lil hinn mill-PDG"), huwa importanti li nindirizzaw l-aspetti soċjali tal-progress permezz ta' indikaturi sodi li jiffukaw fuq is-sitwazzjoni taċ-ċittadini, jiddeskrivu d-distribuzzjoni tal-kondizzjonijiet materjali tal-għajxien u l-inugwaljanzi kif ukoll jinvestigaw aħjar id-dimensjonijiet differenti tal-kwalità tal-ħajja.*
- (4) *Jenħtieġ li l-istatistika soċjali Ewropea tiġi pprovduta abbażi ta' trattament ugwali ta' kull tip ta' utent, pereżempju min ifassal il-politika, amministrazzjonijiet pubbliċi, riċerkaturi, trade unions, studenti, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, u ċittadini, li jenħtieġ li jkollhom aċċess liberu u faċli għall-istatistika permezz tal-bażijiet ta' data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web u fil-pubblikazzjonijiet tagħha. F'dak ir-rigward, il-puntwalità u l-faċilità tal-użu tas-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jittejbu aktar.*
- (5) *Huwa għalhekk ta' importanza fundamentali li l-indikaturi soċjali jkunu tal-kwalità għolja meħtieġa, b'mod partikolari f'termini tal-akkuratezza, il-puntwalità, il-possibbiltà tal-użu u l-aċċessibbiltà tagħhom, ir-rilevanza tagħhom, l-adattabbiltà tagħhom għat-talbiet ta' utenti ġodda, kif ukoll il-komparabbiltà, il-koerenza u l-effiċjenza tagħhom. B'mod partikolari, huwa essenzjali li titjieb il-puntwalità tal-indikaturi soċjali sabiex ikunu disponibbli fi żmien debitu għall-oqfsa tal-politika rilevanti, inkluż is-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, aktar akkuratezza u puntwalità fl-indikaturi jistgħu jkunu ta' benefiċċju sinifikanti għall-monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.*

- (6) *Biex wieħed jivvaluta s-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi u tal-persuni, importanti li jitkejjel id-dħul u jiġi stmat il-livell minimu tar-riżorsi meħtieġa għal parteċipazzjoni xierqa fis-soċjetà. Huwa għalhekk essenzjali li jitjiebu l-għbir tad-data u l-metodoloġija tal-indikaturi standardizzati biex jipprovdu stimi ta' baġit ta' referenza fuq bażi reġjonali, kif ukoll li tiġi żgurata kopertura aħjar tal-popolazzjonijiet konċernati. Jenħtieġ li d-data statistika tipprovdi bażi b'saħħitha għall-istabbiliment ta' indikaturi adattati għall-utenti varji possibbli.*
- (7) *Id-dħul jintuża ħafna meta tiġi valutata s-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi. Madankollu, huwa importanti wkoll li jitkejlu l-konsum, il-ġid u d-djun, inklużi d-djun possibbli f'munita barranija, kemm minn perspettiva ta' unità domestika kif ukoll minn perspettiva makroekonomika. Barra minn hekk, il-faqar, inkluż il-faqar tat-tfal, hu fenomenu multidimensjonali li jinvolvi mhux biss il-kondizzjonijiet materjali tal-għajxien, bħal-livell tad-dħul, il-konsum, il-ġid u d-dejn, iżda wkoll is-saħħa, l-educazzjoni, u l-aċċess għas-servizzi u l-użu tagħhom. Barra minn hekk, biex wieħed jindirizza b'mod xieraq il-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh, u xejriet ġodda fl-impjiegi, speċjalment fil-kuntest tal-ekonomija diġitali, huwa importanti li jkollu data statistika estensiva, soda u komparabbli.*

- (8) L-istatistika Ewropea marbuta mal-persuni u l-unitajiet domestiċi bħalissa tinġabar abbażi ta' numru ta' atti legiſlattivi li jkopru sħarriġ dwar persuni u unitajiet domestiċi, statistika demografika, ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, u **data** miġbura l-aktar minn sorsi amministrattivi. Xi data tinġabar ukoll minn sħarriġ tan-negozji. Minkejja titjib sostanzjali f'dawn l-aħħar snin, jenħtieġu aktar integrazzjoni u simplifikazzjoni tal-ġbir ta' data għall-istatistika **b'mod aktar olistiku**, abbażi ta' sħarriġ imwettaq fuq persuni u unitajiet domestiċi **f'l-Unjoni kollha. Biex tinkiseb data soda għar-riċerka u t-tfassil tal-politika, huwa essenzjali li jiżdied l-investiment fi ġbir ta' data ta' kwalità għolja, aktar akkurata u olistika, għaliex id-data soda hija prerekwiżit għal tfassil ta' politika responsabbli.**
- (9) **Sabiex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tad-data, jenħtieġ li jithegħġeg kemm jista' jkun l-użu ta' rekords amministrattivi.** Il-possibilità li jintużaw sorsi amministrattivi għal skopijiet ta' statistika **diġà** twessgħet sostanzjalment, bis-saħħa tal-progress teknoloġiku. L-użu ta' sorsi amministrattivi jenħtieġ li tingħatalu **aktar** promozzjoni attiva fil-qasam tal-istatistika soċjali, filwaqt li dejjem tiġi żgurata l-kwalità, **b'mod partikolari l-akkuratezza, il-puntwalità u l-komparabbiltà ta' dik l-istatistika. Sorsi oħra ta' data adattati għal persuni jew suġġetti rilevanti li ma hemmx aċċess għalihom minn rekords amministrattivi jenħtieġ li jinżammu, filwaqt li jitħares id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.**
- (10) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2009, dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċennju li ġej, enfasizzat l-użu dejjem jiżdied ta' sorsi differenti ta' data u metodi innovattivi ta' ġbir ta' data kif ukoll l-importanza dejjem ikbar tal-armonizzazzjoni tal-kunċetti u l-metodi tal-istatistika bejn dominji differenti. Hija appellat għal ġenerazzjoni ġdida ta' legiſlazzjoni statistika li tkun tindirizza oqsma aktar mifruxa.

- (11) Fl-2011, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC, *European Statistical System Committee*) stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ approva l-Memorandum ta' Wiesbaden ■ dwar Disinn Kunċettwali Ġdid għall-Istatistika Soċjali u tal-Unitajiet Domestiċi, ***fejn jingħad li*** l-istħarriġ Ewropew li jipprovdi data dwar persuni u unitajiet domestiċi għandu jiġi simplifikat, u ***barra minn hekk*** li għandu jintuża għbir anqas frekwenti ta' mikrodata biex jikkomplementa dak l-istħarriġ soċjali ċentrali. Barra minn hekk, ***jenħtieġ li jitjeb l-aċċess għad***-data amministrattiva, u jenħtieġ li l-użu mill-ġdid ta' sorsi ta' data eżistenti u l-aċċess għal sorsi ta' data ġodda jiġu żviluppati fil-livell tal-***Unjoni*** u fil-livell nazzjonali.
- (12) Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (***ESS, European Statistical System***) ***hija impenjata li tinvolvi lill-utenti kollha b'mod proattiv billi tissodisfa t-talbiet tagħhom b'mod reattiv u li ssaħħa il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat), l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), il-banek ċentrali nazzjonali, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika u l-aġenziji tal-Unjoni. Għalhekk huwa ta' importanza kruċjali li l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż min ifassal il-politika, riċerkaturi u akkademiċi, produttori ta' data, is-soċjetà ċivili u gruppi oħrajn ta' interess, jitqies b'mod xieraq meta jiġi adattat u modernizzat l-istħarriġ soċjali.***
- (13) Dawk l-iżviluppi jeħtieġ li jiġu simplifikati gradwalment u l-liġi statistika fil-qasam tal-istatistika soċjali jeħtieġ li tiġi modernizzata, biex tkun żgurata ■ l-produzzjoni ta' indikaturi soċjali ***ta' kwalità għolja*** b'mod aktar integrat, adattabbli, flessibbli ■, effiċjenti ***u puntwali, sabiex tirrispondi għall-iżviluppi fis-soċjetà***. Fl-istess ħin, trid tingħata konsiderazzjoni dovuta lill-ħtiġijiet tal-utenti, lill-piż ■ fuq ir-rispondenti, lill-***kapaċitajiet u r-riżorsi tal-Istati Membri, lill-affidabbiltà u l-akkuratezza tal-metodi użati, lill-fattibbiltà teknika tal-produzzjoni tal-istatistika, liż-żmien li fih l-istatistika tista' tkun disponibbli u lill-affidabilità tar-riżultati.***

⁶ Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistikatal-Komunitajiet Ewropej (*ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164*).

- (14) *B'mod partikolari, jenħtieġ li ebda waħda mill-miżuri meħuda għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma timponi spejjeż addizzjonali sostanzjali li jirriżultaw f'piż sproporzjonat jew inġustifikat fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri.*
- (15) *Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprovdi l-qafas legali ġenerali għall-Istatistika Ewropea u l-Artikolu 13 tiegħu jistabbilixxi l-Programm Ewropew tal-Istatistika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas speċifiku għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi bbażata fuq data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni. Jispeċifika d-data u l-informazzjoni li jridu jinġabru mill-Istati Membri u jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat), u r-rekwiżiti fundamentali tal-kwalità li jridu jiġu ssodisfati. Jipprevedi speċifikazzjonijiet tekniċi aktar dettaljati li jenħtieġ li jingħataw f'atti delegati u ta' implimentazzjoni. Jippermetti li l-ġabriet ta' data differenti jiġu integrati flimkien u mal-użu ta' rekords amministrattivi, filwaqt li jikkonsolida u jissimplifika l-liġi eżistenti, f'konformità mal-programm Ewropew tal-istatistika.*

- (16) *Il-liġi tal-Unjoni dwar l-istatistika soċjali bbażata fuq data fuq livell individwali ġiet adottata biex twieġeb għal ċerti ħtiġijiet ta' politika li kienu jeżistu meta ġiet adottata. Il-qasam soċjali huwa, madankollu, ikkaratterizzat minn realtazjet ġodda u li qed jinbidlu malajr. Qed ifiġġu ċirkostanzi u fenomeni soċjali ġodda, li qed joħlqu l-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas legali eżistenti fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi bażi statistika rikka li tkopri u tirrifletti b'mod adegwat il-ħtiġijiet attwali u tippermetti l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' data statistika li tkun reattiva għall-ħtiġijiet futuri ta' min ifassal il-politika, l-utenti u l-pubbliku ġenerali, waqt li titqies il-komparabbiltà statistika fil-livell internazzjonali. Jenħtieġ, b'mod partikolari, li dan ir-Regolament jipprevedi flessibbiltà kbira għal aktar żviluppi fil-qasam tal-istatistika relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi. Huwa wkoll essenzjali li l-ġbir tad-data ssir bl-użu tal-aħħar tibdil teknoloġiku.*
- (17) Sabiex jiġi simplifikat u razzjonalizzat aħjar il-qafas ta' referenza għall-istatistika soċjali Ewropea bbażata fuq data miġbura minn kampjuni, l-istatistika Ewropea eżistenti relattiva għal persuni u unitajiet domestiċi bbażata fuq data fil-livell individwali għandha tinġabar flimkien taħt qafas wieħed. Dan jiggarrantixxi li l-istatistika soċjali Ewropea bbażata fuq data miġbura minn kampjuni, inklużi l-oqsma tal-**forza** tax-xogħol, tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-ġhajxien, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, **tal-użu tal-ħin** u **tal-konsum**, **tiġi prodotta** b'mod **aktar** konsistenti u koordinat.

- (18) *F'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq studji ta' fattibbiltà u studji pilota maħsuba biex itejbu l-kwalità tas-settijiet tad-data u l-indikaturi soċjali. Tali studji jenħtieġ li jkunu jkopru l-komparabbiltà tad-data, l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda, il-modernizzazzjoni tal-ġbir tad-data u s-sodisfaċiment tat-talbiet il-ġodda tal-utenti, speċjalement l-indirizzar ta' popolazzjonijiet li huma diffiċli biex jintlaħqu, data dwar subpopolazzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar vulnerabbli, it-tqegħid għad-disponibbiltà tal-istatistika f'livell territorjali NUTS 2, u l-produzzjoni ta' data f'livell lokali dettaljat b'mod kosteffettiv u reattiv. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw fir-rigward ta' dawk l-istudji ta' fattibbiltà u studji pilota u li l-Kummissjoni tkun kapaċi tipprovdi appoġġ finanzjarju biex dawn jiġu implimentati.*
- (19) *Għall-oqsma tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, bil-għan tal-adattament għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi l-ġodda tal-utenti, jenħtieġ li jkun possibbli li tinġabar data fuq suġġetti ad hoc, f'mument speċifiku sabiex jippermettu li l-varjabbli miġbura fuq bażi regolari jiġu ssupplimentati minn varjabbli kumplimentari, filwaqt li jiġu enfasizzati aspetti mhux esplorati tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien. F'każijiet ġustifikati, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-data tkopri wkoll temi mhux previsti f'dan ir-Regolament.*
- (20) *Jenħtieġ li għal kull qasam jiġi pprovdut sett prinċipali ta' varjabbli armonizzati, bil-għan li d-data disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat) tintuża u tinxtered aħjar kif ukoll, b'mod partikolari, bħala prerekwiżit għat-tqabbil tad-data u għal analiżijiet trażversali. Dik il-prattika x'aktarx tgħin biex jiżdied il-potenzjal analitiku ta' settijiet tad-data bl-applikazzjoni ta' tekniki ta' mudellar u biex jinkisbu ekonomiji ta' skala.*

(21) Il-ġbir ta' data fl-oqsma tal-użu tal-ħin u tal-konsum fil-livell tal-Unjoni **jipprovdi data importanti b'diversi għanijiet għall-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw il-ħajja taċ-ċittadini. Id-data dwar l-użu tal-ħin affermat l-importanza fundamentali tagħha fil-valutazzjoni ta', inter alia, l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qsim tar-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura jew biex jitkejjel ix-xogħol mhux imħallas. Il-konsum huwa wkoll element importanti tal-kondizzjonijiet materjali tal-għajxien taċ-ċittadini.** Il-ġbir ta' data, li fiż-żewġ oqsma jsir volontarjament minn bosta Stati Membri, abbażi ta' ftehimiet u linji gwida ġenerali, jenħtieġ li jiġi żviluppat u modernizzat aktar. Jenħtieġ li l-ġbir tad-data jkun obbligatorju għall-qasam tal-konsum u fakultattiv għall-qasam tal-użu tal-ħin. Jenħtieġ, madankollu, li fejn jiġi implimentat, tali ġbir isir f'konformità ma' dan ir-Regolament, biex jiżgura l-komparabbiltà. Fuq terminu twil ta' żmien, jenħtieġ li kull Stat Membru jimmira sabiex jipparteċipa fil-ġbir ta' data fil-qasam tal-użu tal-ħin. Fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-Unjoni ttipprovdi appoġġ finanzjarju għall-modernizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ġbir ta' data fl-oqsma tal-użu tal-ħin u tal-konsum.

- (22) Minħabba l-ispeċifitàjiet tagħhom, l-istatistika demografika fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fis-sens tar-Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, l-istħarriġ tan-negozji, u l-istatistika bbażata l-aktar fuq sorsi amministrattivi, mhumiex koperti minn dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkunu regolati separatament minn oqfsa speċifiċi adattati għall-karatteristiċi tagħhom.
- (23) L-istatistika ma għadhiex titqies bħala wieħed biss minn ħafna sorsi ta' informazzjoni għal skopijiet ta' tfassil tal-politika, iżda, minflok, għandha rwol ċentrali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza jirrikjedi statistika li tissodisfa kriterji ta' kwalità għolja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009⁹, skont l-iskopijiet li tkun qed isservi.
- (24) Id-data soċjali ta' kwalità għolja hija meħtieġa mhux biss għal skopijiet ta' politika, iżda wkoll għar-riċerka u bħala komponent ta' infrastruttura soda tal-informazzjoni. Ir-riċerkaturi li jiksbu aċċess għal mikrodata għal skopijiet xjentifiċi, mogħti abbażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013⁹ fir-rigward tal-aċċess għal data kunfidenzjali **mingħajr identifikaturi diretti** għal skopijiet xjentifiċi, jibbenefikaw bil-kbir jekk ikollhom settijiet ta' data statistika li jkunu konnessi aħjar¹⁰.

⁷ Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

⁸ Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).

⁹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 (ĠU L 164, 18.6.2013, p. 16).

- (25) *Id-dħul, il-konsum u l-ġid huma tliet dimensjonijiet li jiddeterminaw il-benessri materjali tal-unitajiet domestiċi. Huwa importanti li jsir sforz biex, fost is-sorsi tad-data eżistenti, issir deskrizzjoni aħjar ta' dawk id-dimensjonijiet, id-distribuzzjoni ta' kull waħda minnhom kif ukoll id-distribuzzjoni konġunta tagħhom fost l-unitajiet domestiċi, waqt li titqies b'aktar akkuratezza l-eżistenza ta' diversi sorsi ta' data u jsir sforz biex jissaħħaħ l-użu konġunt tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi u jtejjeb il-qasam tal-konsum u l-konnessjonijiet bejn dawk it-tliet dimensjonijiet.*
- (26) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 ■ jesiġi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u l-kriterji tal-kwalità speċifikati f'**dak** ir-Regolament. Ir-rapporti dwar il-kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva Standard tal-ESS għall-Istruttura tar-Rapporti dwar il-Kwalità, skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament. ***Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea huwa s-sinsla tal-qafas tal-kwalità komuni tal-ESS, u jistabbilixxi l-istandards għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.*** Dan huwa mistenni jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tar-rappurtaġġ dwar il-kwalità taħt dan ir-Regolament.
- (27) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar it-trażmissjoni ta' data mill-Istati Membri ***lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu tagħha***, inklużi regoli dwar it-trażmissjoni ***u l-protezzjoni*** ta' data kunfidenzjali. Jenħtieġ li l-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jiżguraw li data kunfidenzjali ***tintbagħat u tintuża esklużivament għal finijiet ta' statistika skont l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.***

- (28) *Ir-Regolamenti (UE) 2016/679¹⁰ u (UE) 2018/1725¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² japplikaw għad-data personali koperta minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-data statistika meħtieġa għall-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet u strateġiji tal-Unjoni u nazzjonali fl-oqsma tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol titqies bħala data pproċessata għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali.*

¹⁰ *Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

¹¹ *Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE*

¹² *Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

- (29) ***Statistika affidabbli*** hi meħtieġa flivell nazzjonali kif ukoll flivell reġjonali ***fejn tkun meħtieġa komparabbiltà aħjar. Huwa importanti li d-data aggregata ssir disponibbli għall-unitajiet territorjali komparabbli bħan-NUTS 2, b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż u billi l-Istati Membri jiġu pprovduti bir-riżorsi finanzjarji xierqa.*** Skont ir-Regolament (KE) ***Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹³, jenħtieġ li l-istatistika kollha tal-Istati Membri li tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) u li trid tiġi kkategorizzata skont l-unitajiet territorjali tuża l-klassifikazzjoni tan-NUTS. Għaldaqstant, sabiex tiġi stabbilita statistika reġjonali komparabbli, jenħtieġ li d-data dwar l-unitajiet territorjali tkun ipprovduta skont il-klassifika NUTS. ***Fuq medda ta' żmien twila, jenħtieġ li jsiru sforzi biex tinkiseb data lokali aktar dettaljata, ibbażata fuq l-infrastruttura stabbilita bid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹⁴.
- (30) Bil-għan li jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***sabiex temenda*** t-temi dettaljati li jinsabu fl-Anness I ■ , tistabbilixxi jew tadatta l-ippjanar kontinwu multiannwali ta' tmien snin għall-ġbir tad-data koperta minn dan ir-Regolament f'konformità mal-perjodiċità speċifikata fl-Anness IV, ***u tistabbilixxi n-numru u t-titlu tal-varjabbli.*** Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ■ ¹⁵. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (31) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni fir-

¹³ Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

¹⁴ ***Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għal Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).***

¹⁵ ***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

rigward tad-**deskrizzjoni tal-varjabbli**, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet ta' data partikolari, l-elementi tekniċi meta dawn ikunu komuni għal diversi settijiet ta' data, il-**formati** tekniċi meħtieġa biex jiffaċilitaw it-**trażmissjoni** ta' informazzjoni **mill-Istati Membri lill-Kummissjoni** (Eurostat) **16**, l-oqfsa tal-kampjunar, b'mod partikolari l-istabbiliment tar-rekwiżiti minimi tal-oqfsa tal-kampjunar, l-arranġamenti għal, u l-kontenut ta', ir-rapporti dwar il-kwalità, u kwalunkwe deroga. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹⁶.

¹⁶ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (32) *Fejn l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tirrikjedi adattamenti kbar għas-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', f'każijiet debitament ġustifikati u għal perijodu limitat ta' żmien, tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati. Tali adattamenti kbar jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari mill-ħtieġa li tittejjeb il-puntwalità, jiġi adattat it-tfassil tal-ġbir tad-data, inkluż l-aċċess għal sorsi amministrattivi, jew jiġu żviluppati għodod ġodda innovattivi għall-produzzjoni tad-data. Fejn ikun xieraq, jenħtieġ ukoll li l-Unjoni tipprovdi kontribut finanzjarju lill-Istati Membri fil-forma ta' għotjiet, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.*
- (33) *Il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-qafas tal-ESS jenħtieġ li jissaħħu biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà tal-istatistika soċjali Ewropea prodotta skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 338(2) TFUE. Hemm ukoll il-ġbir ta' data minn korpi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll mill-komunità akkademika, minbarra daww imsemmija f'dan ir-Regolament,. Għalhekk jenħtieġ li l-kooperazzjoni bejn tali atturi u daww involuti fl-ESS tissaħħaħ biex jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji.*

¹⁷ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (34) ***Peress li*** l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda jista' ***pjuttost, minħabba*** raġunijiet ta' armonizzazzjoni, ***kwalità tad-data*** u komparabbiltà, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-***Unjoni***, u ***minħabba li*** l-istatistika ***ta' kwalità għolja li tinġabar b'mod armonizzat tipprovdi valur miżjud kbir lit-tfassil tal-politika fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-Unjoni*** tista' ■ tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-oġettiv.
- (35) Jenħtieġ li l-istatistika soċjali Ewropea bbażata fuq data miġbura minn kampjuni u l-proċess tal-ġbir ta' data jsiru aktar effiċjenti u rilevanti. ■ L-istatistika Ewropea relattiva għal persuni u unitajiet domestiċi, ibbażata fuq data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, bħalissa hija regolata f'għadd ta' atti leġislattivi separati li jenħtieġ li jiġu sostitwiti minn dan ir-Regolament. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98¹⁸ u r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ ■ ***u li jiġu emendati partijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 808/2004²⁰, (KE) Nru 452/2008²¹ u (KE) Nru 1338/2008²² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3).

¹⁹ ***Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjt u l-kondizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1).***

²⁰ ***Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49).***

²¹ ***Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227).***

²² ***Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70).***

- (36) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³ u ta opinjoni fl-1 ta' Marzu 2017²⁴.
- (37) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

²³ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

²⁴ ĠU C 87, 21.3.2017, p. 1.

Artikolu 1

Suġġett u *kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi, ibbażat fuq data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni ta' dawk il-persuni u unitajiet domestiċi.
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar *kif* imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 763/2008.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) *"mikrodata" tfisser osservazzjonijiet jew kejl mhux aggregati ta' karatteristiċi ta' unitajiet individwali, mingħajr identifikatur dirett;*
- (2) "data aggregata verifikata minn qabel" jew "mikrodata *verifikata minn qabel*" tfisser data jew mikrodata *mingħajr identifikaturi diretti*, verifikata mill-Istati Membri *abbażi ta'* id-regoli komuni ta' validazzjoni *fejn disponibbli*;
- (3) "qasam" tfisser sett wieħed jew aktar ta' data *li* tkopri *temi* partikolari;
- (4) "unità ta' osservazzjoni" tfisser entità identifikabbli li dwarha tista' tinkiseb data;
- (5) "tema" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li tinġabar dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni, fejn kull *tema* tkopri għadd ta' *temi* dettaljati;
- (6) "tema dettaljata" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li tinġabar dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni relatata ma' tema, fejn kull tema dettaljata tkopri għadd ta' *varjabbli*;

- (7) *"varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni li tista' tassumi aktar minn sett wieħed ta' valuri;*
- (8) *"rekords amministrattivi" tfisser data ġġenerata minn sors mhux statistiku, normalment korp pubbliku, li l-għan **prinċipali** tiegħu mhuwiex li jipprovdi statistika ■ ;*
- (9) *"suġġetti ad hoc" tfisser temi li huma ta' interess partikolari għal utenti f'mument speċifiku iżda li mhumix inklużi fis-settijiet ta' data regolari;*
- (10) *"indikatur primarju" tfisser informazzjoni użata b'mod ġenerali li sservi għall-monitoraġġ ta' objettiv ċentrali tal-politika tal-Unjoni;*
- (11) *"residenza abitwali" tfisser il-post fejn persuna normalment tqatta' l-perijodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrISPettivament minn assenzi temporanji għall-finijiet ta' rikreazzjoni, btajjel, żjarat lill-ħbieb u lill-qraba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġ reliġjuż, sakemm il-persuni li ġejjin jitqiesu bħala residenti abitwali ta' żona ġeografika speċifika:*
- (a) *dawk li għexu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel iż-żmien ta' referenza; jew*
- (b) *dawk li jkunu waslu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom matul it-12-il-xahar qabel iż-żmien ta' referenza bil-ħsieb li joqogħdu hemm għal mill-inqas sena.*
- Fejn iċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt (a) jew (b) ma jistgħux jiġu stabbiliti, "residenza abitwali" tista' titqies li tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrata;*
- (12) *"metadata" tfisser informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintuża u tiġi interpretata l-istatistika u li tiddekrivi d-data b'mod strutturat;*

- (13) *"rapport dwar il-kwalità" tfisser rapport li jagħti informazzjoni dwar il-kwalità ta' prodott statistiku jew proċess statistiku;*
- (14) *"oqsfa tal-kampjunar" tfisser lista, mappa jew speċifikazzjoni oħra tal-unitajiet li jiddeterminaw popolazzjoni li kompletament ser tiġi enumerata jew jittieħed kampjun minnha;*
- (15) *"unità domestika privata" tfisser persuna li tgħix waħedha jew grupp ta' persuni li jgħixu flimkien, fejn tali persuna jew persuni jipprovdu għalihom stess l-essenzjali għall-għajxien.*

Artikolu 3

Oqsma u settijiet ta' data

1. Il-ġbir ta' data, kif imsemmi fl-Artikolu 1, li jsir **mill-Istati Membri**, għandu jkun organizzat fl-oqsma li ġejjin:
 - (a) il-**forza** tax-xogħol;
 - (b) id-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien;
 - (c) is-saħħa;
 - (d) l-educazzjoni u t-taħriġ;
 - (e) l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
 - (f) l-użu tal-ħin;
 - (g) il-konsum.
2. ***Fir-rigward tal-qasam tal-użu tal-ħin, il-ġbir ta' data, kif imsemmi fl-Artikolu 1, li jsir mill-Istati Membri, għandu jkun fakultattiv. Fejn Stat Membru jiġbor data għall-qasam tal-użu tal-ħin, huwa għandu jagħmel dan f'konformità ma' dan ir-Regolament biex jiżgura l-komparabbiltà. Fuq medda ta' żmien twila, l-Istati Membri kollha għandhom jimmiraw li jwettqu l-ġbir ta' data għall-qasam tal-użu tal-ħin.***

3. ***Għall-oqsma kollha msemmija fil-paragrafu 1, is-settijiet tad-data għandhom ikopru t-temi komuni li ġejjin, kif aktar dettaljati fl-Anness I:***

- (a) *elementi tekniċi;*
- (b) *il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi;*
- (c) *is-saħħa: l-istatus tas-saħħa u diżabilità, l-aċċess għal, id-disponibbiltà u l-użu ta', il-kura tas-saħħa u d-determinanti tas-saħħa;*
- (d) *il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;*
- (e) *kwalifiki edukattivi u l-isfond edukattiv.*

Għal xi oqsma, is-settijiet tad-data għandhom jagħtu aktar dettall dwar daww it-temi komuni, kif stabbilit fl-Anness I.

4. ***Minbarra t-temi komuni għall-oqsma kollha msemmija fil-paragrafu 3, is-settijiet tad-data għandhom ikopru t-temi ■ li ġejjin, kif aktar dettaljati fl-Anness I:***

- (a) ■ *żamma ta' impjeg, **bijografija professjonali** u esperjenza ta' xogħol preċedenti;*
- (b) *il-kondizzjonijiet tax-xogħol inklużi s-sigħat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol;*
-
- (c) *il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ;*
-
- (d) *id-dħul, il-konsum u **l-elementi tal-ġid**, inkluż id-dejn;*
- (e) *il-kondizzjonijiet tal-ġajxien, inklużi privazzjoni materjali, abitazzjoni, l-ambjent tal-ġajxien u l-aċċess għal servizzi;*
- (f) *il-kwalità tal-ħajja, inklużi parteċipazzjoni soċjali, **ċivili, ekonomika** u kulturali, **inklużjoni** u benessri;*

(g) il-parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni; **u**

(h) ***l-allokazzjoni tal-ħin (fakultattiva).***

5. Ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u l-karatteristiċi tal-kampjuni li jintużaw għall-oqsma differenti għandhom ikunu kif speċifikat, rispettivament, fl-Annessi II u III.

6. ***Il-ġbir ta' data li jsir taħt dan l-Artikolu għandu jinkludi informazzjoni li tippermetti li tinqasam sabiex tiddeskrivi subpopolazzjonijiet ta' interess, u għandu, fejn rilevanti, jirrifletti l-inugwaljanzi.***

Ħlief fejn debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' kwalità, l-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom ukoll jipproduċu informazzjoni li tippermetti li l-informazzjoni valida fil-livell territorjali NUTS 2 tiġi derivata sabiex jippermettu komparabbiltà tad-data aħjar bejn l-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż.

7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 ***abbażi ta' studju tal-fattibbiltà sabiex*** temenda t-temi dettaljati elenkati fl-Anness I ***biex jirriflettu*** l-iżviluppi ***leġislattivi***, tekniċi, soċjali, ***ta' politika*** u ekonomiċi rilevanti u jwieġbu għall-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti. Fl-eżerċizzju ta' dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:

(a) tali atti delegati ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sostanzjali fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

- (b) *sakemm mhux debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, għall-qasam tal-forza tax-xogħol u l-qasam tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, ma jinbidlux, fi kwalunkwe perijodu ta' erba' snin, iktar minn 5 fil-mija ■ tat-temi dettaljati elenkati fl-Anness I għal kull qasam;*
- (c) *għal oqsma oħra elenkati fil-paragrafu 1 iżda mhux fil-punt (b) ta' dan is-subparagrafu, ma jinbidlux iktar minn 10 % tat-temi dettaljati elenkati fl-Anness I għal kull qasam fil-perijodu bejn żewġ ġabriet ta' data konsekuttivi;*
- (d) *kwalunkwe tema dettaljata li mhijiex elenkata fl-Anness I tiġi valutata kif dovut fir-rigward tal-fattibbiltà tagħha permezz ta' studji pilota magħmula mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14;*
- (e) *in-numru totali ta' varjabbli li għandhom jiġu pprovduti ma jaqbiżx l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u (3).*

Għall-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, in-numru ta' temi dettaljati li jistgħu jinbidlu għandu jitqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ.

Artikolu 4

Ippjanar kontinwu multiannwali

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 *sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi jew tadatta* ppjanar kontinwu multiannwali ■ .
2. L-ippjanar kontinwu multiannwali għandu:
 - (a) *jiġi adottat għal perijodu ta' tmien snin;*
 - (b) *japplika għall-ġbir ta' data kopert minn dan ir-Regolament;*
 - (c) *jikkonforma mal-perjodiċità speċifikata fl-Anness IV;*
 - (d) jispeċifika l-perijodu li matulu tinġabar data:
 - (i) għat-temi dettaljati marbuta mal-oqsma *elenkati fl-Anness I;*

- (ii) għal suġġetti ad hoc mitluba mill-utenti, għall-oqsma tal-**forza** tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, kif previst fl-Anness IV.

Fir-rigward tal-punt (d)(ii) ta' dan il-paragrafu, daww is-suġġetti ad hoc jistgħu, f'każijiet ġustifikati, ikopru **temi** dettaljati oħra minbarra daww elenkati fl-Anness I.

3. L-adattamenti tal-ippjanar **multiannwali kontinwu** msemmi fil-paragrafu 1 għandhom **jidħlu fis-seħħ** mhux iktar tard minn 24 xahar qabel il-bidu ta' ■ kull perijodu ta' ġbir ta' data kif speċifikat fl-ippjanar **għall-ġbir annwali jew infra-annwali ta' data, u mhux aktar tard minn 36 xahar** qabel il-bidu ta' ■ tali perijodu ta' ġbir ta' data **għall-ġbir ieħor ta' data**. Daww l-adattamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-effikaċja u l-konsistenza tal-ippjanar mal-ħtiġijiet tal-utenti.
4. **Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità u ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.**

Artikolu 5

Popolazzjonijiet statistiċi u unitajiet ta' osservazzjoni

1. Il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-persuni kollha **li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom** f'unitajiet domestiċi privati f'kull Stat Membru.
2. Il-ġbir ta' data għandu jsir f'kull Stat Membru għal kampjun ta' unitajiet ta' osservazzjoni magħmula minn unitajiet domestiċi privati jew minn persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati li **għandhom ir-residenza abitwali tagħhom f'dak l-Istat Membru.**

3. *Kull Stat Membru għandu jimmira li jestendi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kopertura tal-ġbir tad-data għal unitajiet ta' osservazzjoni li mhumiex parti minn unità domestika privata, dment li d-data mibgħuta tippermetti l-identifikazzjoni ta' tali unitajiet ta' osservazzjoni, u tal-persuni konċernati li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom f'dak l-Istat Membru.*

Artikolu 6

Speċifikazzjonijiet tas-settijiet tad-data

1. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-elementi li ġejjin tas-settijiet tad-data differenti, inkluż meta dawk l-elementi jkunu komuni għal diversi settijiet ta' data, sabiex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fit-temi dettaljati rilevanti:*
- (a) *in-numru ta' varjabbli; u*
- (b) *it-titlu tal-varjabbli.*
2. *Fir-rigward tal-atti delegati adottati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, in-numru ta' varjabbli ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5 % n-numru ta' varjabbli għal kull qasam ta' dawk diġà meħtieġa, fuq bażi obbligatorja, mill-Kummissjoni (Eurostat) fi ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*
3. *Għall-qasam tal-konsum, in-numru ta' varjabbli ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5 % n-numru ta' varjabbli stipulat fl-ewwel att delegat adottat għal dak il-qasam skont il-paragrafu 1.*

4. *Biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti u tipprevedi ċertu grad ta' flessibilità, il-Kummissjoni tista', fejn tkun meħtieġa data ġdida, tibdel b'mhux iktar minn 10 % l-varjabbli meħtieġa skont l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għal kull qasam elenkat fl-Artikolu 3(1).*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista', għall-qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, tibdel b'iktar minn 10 % l-varjabbli meħtieġa skont l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm tali bidla tkun konformi ma' miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 qabel l-1 ta' Jannar 2021.

Il-perċentwali massima msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tapplika fi kwalunkwe perijodu ta' erba' snin għall-oqsma tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien u matul il-perijodu bejn żewġ ġabriet ta' data konsekuttivi għall-oqsma l-oħra. Fil-każijiet kollha, in-numru ta' varjabbli ma għandux jaqbeż il-limiti msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 7

Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet tad-data

1. Il-Kummissjoni għandha ■ tadotta atti ta' implimentazzjoni ■ li jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tas-settijiet tad-data individwali:
 - (a) id-deskrizzjoni ■ tal-varjabbli;
 - (b) il-klassifikazzjonijiet statistiċi;
 - (c) il-karatteristiċi preċiżi tal-popolazzjonijiet statistiċi, l-unitajiet ta' osservazzjoni u r-regoli għal risponenti;

- (d) il-perijodi ta' referenza u d-dati *ta' referenza*;
- (e) ir-rekwiżiti relattivi għal kopertura ġeografika, *karatteristiċi dettaljati* tal-kampjun, inkluż is-sottokampjunar, *f'konformità mal-Anness III, perijodi komuni tal-ġabriet tad-data, standards komuni għall-editjar u l-imputazzjoni, ponderazzjoni, stima u stima tal-varjanza*;
- (f) **■** *il-metodoloġija li tipprevedi l-komparabbiltà tad-data miġbura, li tista' tinkludi, f'każijiet debitament ġustifikati, flowcharts dwar l-ordni tal-mistoqsijiet sabiex jinkiseb, fejn meħtieġ, l-oġettiv komuni ta' livell għoli ta' komparabbiltà tad-data dwar l-impjiegi u l-qgħad fil-qasam tal-forza tax-xogħol.*

2. Meta l-elementi jkunu komuni għal għadd ta' settijiet ta' data, il-Kummissjoni għandha **■** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-karatteristiċi tekniċi li ġejjin tas-settijiet tad-data:

- (a) id-deskrizzjoni **■** tal-varjabbli;
- (b) il-klassifikazzjonijiet statistiċi;
- (c) il-karatteristiċi preċiżi tal-popolazzjonijiet statistiċi u tal-unitajiet ta' osservazzjoni.

3. Għas-settijiet ta' data dwar il-qgħad ta' kull xahar li jirrigwardaw il-qasam tal-*forza* tax-xogħol, il-Kummissjoni għandha **■** tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li tiddekrivi l-varjabbli u t-tul, ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-livell ta' dettall tas-serje tal-ħin li għandhom jintbagħtu.

4. L-atti ta' implimentazzjoni msemija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2).

Huma għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu tal-ġbir tad-data, ħlief għall-qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, li għalih l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-perijodu tal-ġbir tad-data.

Artikolu 8

Il-*formati* tat-trasmissjoni u tal-informazzjoni

1. Għandhom jiġu stabbiliti *formati* tekniċi biex jiffaċilitaw it-*trażmissjoni* ta' informazzjoni *mingħand l-Istati Membri lill-Kummissjoni* (Eurostat) , b'mod partikolari bħala appoġġ għall-ġestjoni tal-kwalità u d-dokumentazzjoni tal-proċess relatati mal-istatistika koperta minn dan ir-Regolament.
2. *Il-formati* tekniċi għandhom ikopru kunċetti, proċessi u prodotti statistiċi, inklużi data u metadata.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-*formati* tekniċi msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu tal-ġbir tad-data, ħlief għall-qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, li għalih l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-perijodu tal-ġbir tad-data.

Artikolu 9

Sorsi ta' data u metodi

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data msemmija fl-Artikolu 1 li għandha tiġi pprovduta *lill-Kummissjoni (Eurostat)* bl-użu ta' wieħed mis-sorsi li ġejjin, jew iktar minn wieħed minnhom flimkien, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 13:
 - (a) informazzjoni pprovduta direttament mir-rispondenti;
 - (b) rekords amministrattivi u sorsi oħra, metodi oħra jew approċċi innovattivi *sa fejn* dawn jippermettu l-produzzjoni ta' data li tkun komparabbli u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi applikabbli stipulati f'dan ir-Regolament.

Il-metodi msemija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħu jinkludu stimi ta' żoni żgħar, maħsuba biex ikopru d-diversità territorjali, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) informazzjoni dettaljata dwar is-sorsi u l-metodi użati *f'konformità mal-Artikolu 13(5)*.

Artikolu 10

Perjodiċità

L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data msemija fl-Artikolu 1 f'konformità mal-perjodiċità
■ *speċifikata fl-Anness IV.*

Artikolu 11

Trażmissjoni ta' data u skadenzi

1. *L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data msemija fl-Artikolu 1 lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mal-Anness V.*
2. Għal kull sett ta' data, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat), *permezz ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni*, mikrodata verifikata minn qabel mingħajr identifikazzjoni diretta.
3. Għall-kompilazzjoni ta' statistika ta' kull xahar dwar il-qgħad għandha tintbagħat data aggregata verifikata minn qabel.
4. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jibagħtu data skont dan ir-Regolament mill-**2021**.
5. *Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tippubblika d-data aggregata fuq is-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat), b'mod li jiffaċilita l-użu, malajr kemm jista' jkun u fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tat-trażmissjoni għal ġbir ta' data annwali u infra-annwali, u fi żmien 12-il xahar mill-iskadenza tat-trażmissjoni għal ġbir ieħor ta' data, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.*

Artikolu 12
Oqfsa tal-kampjunar

1. Id-data ***miġbura skont dan ir-Regolament*** għandha tkun ibbażata fuq kampjuni rappreżentattivi meħuda minn oqfsa tal-kampjunar stabbiliti flivell nazzjonali li jippermettu li l-persuni jew l-unitajiet domestiċi jintgħażlu b'mod aleatorju, bi probabbiltà tal-għażla magħrufa. L-oqfsa tal-kampjunar għandhom ikollhom l-għan li ***jidentifikaw u jkopru għalkollox il-popolazzjoni fil-mira bir-rata abitwali aċċettata ta' żball ta' kopertura*** u għandhom jiġu aġġornati regolarment. L-oqfsa tal-kampjunar għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-disinn tal-kampjun, bħall-informazzjoni meħtieġa għal skopijiet ta' stratifikazzjoni u biex jiġu kkuntattjati l-persuni jew l-unitajiet domestiċi. L-oqfsa tal-kampjunar għandhom jinkludu wkoll l-informazzjoni meħtieġa biex torbot lill-persuni ma' rekords amministrattivi oħra, sa fejn ***l-irbit ma' tali rekords oħra jkun meħtieġ u proporzjonat u speċifikament permess taħt il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali li għaliha l-kontrollur, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679, ikun soġġett u li tistabbilixxi wkoll miżuri xierqa biex iħarsu d-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-data.***
2. Fejn ebda tali qafas tal-kampjunar ma jkun disponibbli fl-Istat Membru, għandhom jintużaw oqfsa tal-kampjunar oħra li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin. Tali oqfsa tal-kampjunar għandhom:
 - (a) jidentifikaw l-unitajiet tal-kampjuni, li jistgħu jkunu persuni, unitajiet domestiċi, abitazzjonijiet jew indirizzi;
 - (b) ikunu jistgħu jipprovdu l-probabbiltà tal-għażla;
 - (c) ikunu aġġornati regolarment.

F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, għal raġunijiet ta' kwalità, għall-oqsma tal-użu tal-ħin u tal-konsum, jistgħu jintużaw skemi oħra ta' kampjunar, bħall-kampjunar bil-kwota.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-oqfsa tal-kampjunar, u b'mod partikolari jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi, ***inkluża r-rata abitwali aċċettata ta' żball ta' kopertura***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 13

Kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-data u l-metadata mibgħuta.
2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tal-metadata dwar l-ispeċifikazzjonijiet, tad-data mibgħuta u tal-oqfsa tal-kampjunar, ***bl-għan, inter alia, li tippubblikahom b'mod li jiffaċilita l-użu fuq is-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat)***.
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu ***lill-Kummissjoni (Eurostat)***, fir-rigward tad-data u l-metadata msemija fl-Artikolu 11:
 - (a) metadata li tiddekrivi l-metodoloġija użata, ***inklużi s-sorsi tad-data u l-metodi msemija fl-Artikolu 9***, u kif intlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stipulati minn dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-oqfsa tal-kampjunar użati, inkluż fl-iżvilupp u l-aġġornament tagħhom, kif stipulat minn dan ir-Regolament;

(c) ***informazzjoni dwar is-subpopolazzjonijiet li ma ntlaħqux mill-ġbir tad-data.***

5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-metadata u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 sa tliet xhur mill-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data u l-mikrodata. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tingħata fil-forma ta' rapporti dwar il-kwalità li juru, b'mod partikolari, kif id-data u l-mikrodata mibgħuta, u l-metadata u l-informazzjoni, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità. ***Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tagħmel dik l-informazzjoni pubblika f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali.***
6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-arranġamenti u l-kontenut tar-rapporti dwar il-kwalità, ***inklużi indikazzjonijiet tal-metodu tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-preċiżjoni.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2). ***Huma ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sostanzjali fuq l-Istati Membri.***
7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew bidla fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluenzaw il-kwalità tad-data mibgħuta.
8. Fuq talba ***debitament ġustifikata*** mill-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***kjarifika*** addizzjonali ***meħtieġa*** biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

- 1. *Filwaqt li tosserva l-oġġetti ta' dan ir-Regolament u biex ittejjeb is-settijiet tad-data u l-indikaturi soċjali, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, fejn meħtieġ, tagħmel studji ta' fattibilità u studji pilota, li fihom jistgħu jipparteċipaw l-Istati Membri.***

L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw li dawk l-istudji jkunu rappreżentattivi fil-livell tal-Unjoni. L-istudji għandu jkollhom l-għan li jevalwaw u jiżviluppaw metodoloġiji alternattivi, filwaqt li jqisu l-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari sabiex:

- (a) jittejbu l-kwalità u l-komparabbiltà tas-settijiet tad-data;***
- (b) titwessa' l-kopertura tal-ġbir tad-data għal persuni li ma jgħix f'unitajiet domestiċi privati jew għal subpopolazzjonijiet li diffiċilment jintlaħqu;***
- (c) jiġu żviluppati, valutati u implimentati tekniki li jippermettu kopertura aħjar tad-diversità territorjali fil-livell NUTS 2 u fil-livell lokali;***
- (d) ikun hemm segwitu tal-kopertura statistika ta' ċittadini migranti li jibdlu l-pajjiż tar-residenza tagħhom;***
- (e) jiġu żviluppati u ttestjati temi dettaljati ġodda għall-ġbir tad-data;***
- (f) jingħata kontribut għall-modernizzazzjoni tal-oqsma tal-użu tal-ħin u tal-konsum, inkluża data dwar il-volum ta' konsum;***
- (g) jiġu esplorati u implimentati modi ġodda kif ittejjeb ir-reattività għall-ħtiġijiet tal-utenti ■ ;***

- (h) jiġi integrat aħjar il-ġbir tad-data u l-użu ta' sorsi oħra ta' data ■ ; u ■
- (i) il-ġbir tad-data fl-Istati Membri jsir aktar effiċjenti *u jittejbu l-istrumenti tal-ġbir tad-data biex jippermettu parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità.*

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi lill-Istati Membri li jagħmlu l-istudji tal-fattibbiltà jew l-istudji pilota finanzjament adegwat skont l-Artikolu 16.

2. *Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, fejn ikun rilevanti, tistieden lill-aġenziji tal-Unjoni li jagħmlu sħarriġ soċjali Ewropej mhux fil-qafas tal-ESS biex jikkontribwixxu l-għarfien espert tagħhom għall-iżvilupp ta' indikaturi ġodda u għall-ġbir ta' data pilota dwar suġġetti ad hoc kif imsemmi fl-Anness IV, jew suġġetti ta' interess futur għall-ESS.*
3. *Ir-riżultati tal-istudji tal-fattibbiltà jew l-istudji pilota msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-utenti prinċipali tas-settijiet ta' data.*

Artikolu 15

L-aċċess għal għanijiet xjentifiċi għal data kunfidenzjali

Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħti aċċess fil-bini tagħha għal data kunfidenzjali u tista' tirrilaxxa settijiet ta' mikrodata anonimizzata mis-settijiet ta' data għall-oqsma msemmija fl-Artikolu 3, għal għanijiet xjentifiċi u bil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 557/2013.

Artikolu 16

Finanzjament

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni ***għandha*** tipprovdi għotjiet lill-NSIs u lil awtoritajiet nazzjonali oħra kif imsemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:
 - (a) l-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni, u ***t-titjib tal-puntwalità***, ta' ġbir ta' data, metodi ta' ġbir ta' data, oqfsa tal-kampjunar ***u pproċessar ta' data għall-istatistika taħt dan ir-Regolament, għall-ewwel erba' snin tal-ġbir ta' data għal kull qasam kopert minn dan ir-Regolament;***

- (b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji **għall-istatistika taħt dan ir-Regolament**, inkluża l-**parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi** studji tal-fattibbiltà u studji pilota rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 14;
- (c) il-ġbir **u l-produzzjoni** ta' statistika dwar suġġetti ad [] hoc meħtieġa mill-utenti kif previst fl-Anness IV, settijiet ġodda jew riveduti ta' varjabbli u karatteristiċi implimentati għall-ewwel darba [] .

Fejn dan ir-Regolament jagħti kompiti lill-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra li ma kinux iwettqu qabel, dawn għandhom jingħataw biżżejjed riżorsi finanzjarji mill-Unjoni bil-għan li jwettqu dawk il-kompiti. Ir-riżorsi finanzjarji għandhom jergħu jiġu evalwati fid-dawl tal-iżviluppi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni **msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 sa 2020** għandha tingħata f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ [] , il-punt (a) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ [] , l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u [] tal-Kunsill²⁷ [] , l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸ [] , [] l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament

²⁵ Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39 9.2.2013, p. 12).

²⁶ Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

²⁷ Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

²⁸ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ewropew u tal-Kunsill²⁹, jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰.

3. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Artikolu 17

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

²⁹ Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (*ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1*).

³⁰ Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perijodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (*ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1*).

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 3(7), fl-Artikolu **4(1)** u fl-Artikolu **6(1)** hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' **ħames snin** minn [ĠU: jekk joġġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.***
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 3(7), fl-Artikolu **4(1)** u fl-Artikolu **6(1)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet **■** .
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(7), l-Artikolu **4(1)** u l-Artikolu **6(1)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni la min-naħa tal-Parlament Ewropew u lanqas tal-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-ESSC. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 19
Derogi u *awtorizzazzjonijiet*

1. Fejn is-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru tkun tirrikjedi adattamenti kbar għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati taħtu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti deroga sa żmien ta' tliet snin. ***Għandha tkun żgurata l-komparabbiltà tad-data tal-Istati Membri u l-kalkolu puntwali tal-aggregati rappreżentattivi u affidabbli Ewropej meħtieġa, inklużi indikaturi primarji. Tali derogi ma għandhomx jingħataw għall-istess raġunijiet bħall-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4.***
2. Fejn deroga, kif imsemmija fil-paragrafu 1, tkun għadha ġustifikata ***b'biżżejjed evidenza*** fi tmiem tal-perijodu li għalih tkun ingħatat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti deroga sussegwenti għal perijodu massimu ta' ***sentejn***.
3. Fejn l-uniku mezz li bih Stat Membru jkun jista' jipprova s-settijiet ta' data meħtieġa jkun bl-użu ta' metodi oħra differenti minn dawk stipulati f'dan ir-Regolament jew fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati taħtu, il-Kummissjoni tista', b'mod eċċezzjonali, tawtorizza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-użu ta' tali metodi għal perijodu massimu ta' ħames snin. ***Tali awtorizzazzjonijiet ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-istess raġunijiet bħad-derogi msemmija fil-paragrafi 1 u 2.***
4. Fejn awtorizzazzjoni, kif imsemmija fil-paragrafu 3, tkun għadha ġustifikata ***b'biżżejjed evidenza*** fi tmiem tal-perijodu li għalih tkun ingħatat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti awtorizzazzjoni sussegwenti għal perijodu massimu ta' ***tliet*** snin.

5. Għall-iskop ta' deroga jew awtorizzazzjoni kif imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, Stat Membru għandu jissottometti talba ġustifikata kif dovut lill-Kummissjoni sa ...[tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jew fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni tal-att delegat jew ta' implimentazzjoni kkonċernat, jew sitt xhur qabel tmiem il-perijodu li għalih tkun ingħatat deroga jew awtorizzazzjoni attwali. Meta jitlob awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi fid-dettall il-metodi użati u juri li dawn iwasslu għal riżultati komparabbli.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 20

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 808/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-istatistiċi għandhom ikunu miġbura fi gruppi skont l-Anness.";

(2) l-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Dominju

Dan ir-Regolament għandu jkopri d-dominju tal-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni, kif definit fl-Anness.";

(3) *fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:*

"1. Il-miżuri għall-implimentazzjoni tad-dominju definit fl-Anness għandhom jikkonċernaw is-selezzjoni u l-ispeċifikazzjoni, l-aġġustament u l-modifika tas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, il-kopertura, perijodi ta' referenza u tqassim tal-karatteristiċi, il-perjodiċità u l-iskeda taż-żmien tal-provvista tad-data u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati.";

(4) *l-Anness I huwa emendat kif ġej:*

(a) *l-intestatura "Anness I" tinbidel għal "Anness" u t-titolu "Modulu 1: L-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni" jinbidel għal "Dominju: intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni";*

(b) *il-punti (1) u (2) jinbidlu b'dan li ġej:*

"1. Għanijiet

L-għan tal-ġbir ta' data taħt dan id-dominju huwa l-provvista ta' statistiċi fil-ħin dwar l-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni. Tali ġbir ta' data jipprovdi qafas għar-rekwiżiti f'termini ta' kopertura, tul ta' żmien u perjodiċità, suġġetti koperti, tqassim tal-provvista ta' data, tip ta' provvista ta' data u kwalunkwe studju pilota jew ta' fattibbiltà meħtieġ.

2. Kopertura

Dan id-dominju jkopri l-attivitajiet kummerċjali fit-Taqsimiet C sa N u R u d-Diviżjoni 95 tal-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE REV. 2).";

(5) *l-Anness II huwa mħassar.*

Artikolu 21

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 452/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Setturi

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-produzzjoni ta' statistika f'żewġ setturi:

- (a) is-Settur 1 għandu jkopri statistika dwar is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;***
- (b) is-Settur 2 għandu jkopri statistika oħra dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, bħall-istatistika dwar il-kapital uman u dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-edukazzjoni, li mhumiex koperti mis-Settur 1 jew mir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****

Il-produzzjoni ta' statistika f'dawk is-setturi għandha ssir f'konformità mal-Anness.

* Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L ...).";

(2) fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) il-konsenja regolari ta' statistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja mill-Istati Membri, fil-limiti ta' skadenzi speċifikati għas-Settur 1;

⁺ ĠU: daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament, u imla l-isem, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(b) *l-użu ta' sistemi oħra ta' tagħrif statistiku u stħarriġ, biex jiġu pprovduti varjabbli statistiċi u indikaturi addizzjonali dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, li jikkorrispondu għas-Settur 2;"*;

(3) *l-Artikolu 6(2) jinbidel b'dan li ġej:*

"2. *Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu kont ta' dawn li ġejjin:*

(a) *għaż-żewġ Setturi, il-piż potenzjali fuq istituzzjonijiet edukattivi u fuq individwi;*

- (b) *għaż-żewġ Setturi, ir-riżultati tal-istudji sperimentali msemmija fl-Artikolu 4(3);*
- (c) *għas-Settur 1, il-ftehimiet l-aktar reċenti bejn l-UIS, l-OECD u l-Kummissjoni (Eurostat) dwar kunċetti, definizzjonijiet, format ta' ġbir ta' data, proċessar ta' data, perjodiċità u skadenzi għat-trażmissjoni ta' riżultati;*
- (d) *għas-Settur 2, id-disponibbiltà, l-adegwatezza u l-kuntest legali ta' sorsi Komunitarji eżistenti ta' data wara evalwazzjoni eżawrjenti tas-sorsi ta' data eżistenti kollha.";*

(4) *l-Anness huwa emendat kif ġej:*

- (a) *it-taqsimha intitolata: "Settur 2: Il-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja" hija mħassra;*
- (b) *it-taqsimha intitolata: "Settur 3: Statistika oħra dwar l-edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja" hija emendata kif ġej:*

(i) *it-titolu jinbidel b'dan li ġej:*

"Settur 2: Statistika oħra dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja";

(ii) *il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:*

"1. Għan

L-għan ta' dan il-ġbir ta' data għandu jkun li jipprovdi aktar data komparabbli dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja biex tappoġġa politiki speċifiċi fil-livell Komunitarju mhux inklużi fis-Settur 1.".

Artikolu 22

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1338/2008

Fir-Regolament (KE) Nru 1338/2008, l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Ambitu

Dan id-dominju jkopri l-istatistika dwar l-istatus tas-saħħa u l-fatturi determinanti tas-saħħa li huma bbażati fuq l-awtovalutazzjoni u miġbura minn surveys tal-popolazzjoni għajr dawk miġbura minn ġabriet ta' data fir-rigward ta' unitajiet domestiċi u individwi msemija fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺, kif ukoll statistika oħra miġbura minn sorsi amministrattivi bħal dik dwar il-morbożità jew inċidenti u korrimenti. Persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet kif ukoll it-tfal sal-età ta' 14-il sena għandhom jiġu inklużi, fejn adatt u f'intervalli ad hoc rilevanti, suġġett għal studji pilota preċedenti li jkunu rnexxew.

* Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L ...).";

(2) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) Perijodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-forniment tad-data

⁺ ĠU: daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament (i.e. li jinsab fid-dokument 2016/0264 (COD)), u imla l-isem, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dan l-istess Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Il-miżuri relatati mal-ewwel sena ta' referenza, l-intervall u l-limitu ta' żmien għall-forniment tad-data għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(2).";

(3) fil-punt (d), it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-implimentazzjoni tas-Surveys tal-Eżami tas-Saħħa għandha tkun fakultattiva fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Il-ħin medju tal-intervista għal kull dar ma għandux ikun aktar minn 20 minuta għall-moduli tas-survey."

Artikolu 23

Arranġamenti tranżizzjonali għall-miżuri ta' implimentazzjoni

Il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati qabel l-1 ta' Jannar 2021 taħt ir-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 għandhom jibqgħu japplikaw sakemm jiskadu jew jiġu sostitwiti jew jitħassru.

L-obbligi stipulati f'dawk ir-Regolamenti li jikkonċernaw it-trażmissjoni ta' data u metadata, inklużi rapporti dwar il-kwalità, fir-rigward ta' perijodi ta' referenza li jaħbtu, kollha kemm huma jew parti minnhom, qabel l-1 ta' Jannar 2021 għandhom jibqgħu japplikaw.

Artikolu 24

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 577/98 u (KE) Nru 1177/2003 ***huma*** mħassra b'effett mill-31 ta' Diċembru 2020, ***mingħajr preġudizzju għall-obbligi*** stipulati f'dawk ir-Regolamenti ***li jikkonċernaw*** it-trażmissjoni ta' data u metadata, inklużi rapporti dwar il-kwalità, ***fir-rigward ta'*** perijodi ta' referenza ***li jaħbtu, kollha kemm huma jew parti minnhom, qabel dik id-data.***
2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ *u data ta' applikazzjoni*

■ Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

■ Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar **2021**.

Madankollu, fir-rigward tal-oqsma msemmija fil-**punti (f) u (g) tal-Artikolu 3(1)** huwa għandu **japplika mill-1 ta' Jannar 2025**.

Artikolu 26

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

■ **ANNEX I**

Temi li għandhom jiġu koperti

Qasam	<i>Tema</i>	<i>Temi</i> dettaljati
Għall-oqsma kollha ■	Elementi tekniċi	Informazzjoni dwar il-ġbir tad-data
		Identifikazzjoni
		Piżijiet
		Karatteristiċi tal-intervista
		Lokalizzazzjoni
	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Demografija
		Ċittadinanza u sfond migratorju
		Kompożizzjoni tal-unità domestika
	<i>Saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għal, u disponibbiltà u użu ta', il-kura tas-saħħa u</i>	<i>Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa</i>

	<i>determinanti tas-saħħa</i>	
	Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)
		Karatteristiċi elementari tal-impjieg
	Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq

Forza tax-xogħol	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika - dettalji <i>speċifiċi addizzjonali</i>
		Soġġorn fil-pajjiż
		Raġuni għall-migrazzjoni
	Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ■	Status ta' impjieg
		Tul tal-kuntratt ■
		Dettalji tal-kuntratt
		Status full-time jew part-time - raġuni
		Impjieg awtonomu dipendenti
		Responsabbiltajiet ta' superviżjoni
		Daqs tal-istabbiliment
		Post tax-xogħol
		Xogħol mid-dar

		Tiftix għal <i>impjeg</i>
		Volontà għax-xogħol
		Disponibbiltà

		Żewġ impjieg <i>jew aktar</i>
		Tiftix għal impjieg ieħor
		<i>Sottoimpjieg</i>
		Rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja
		Żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol
		Sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom
		<i>Pensjoni u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol</i>
		Ħtiġijiet tal-kura
	<i>Żamma ta' impjieg, bijografija professjonali u esperjenza ta' xogħol preċedenti</i>	Bidu ta' impjieg
		Kif instab l-impjieg
		<i>Kontinwità u pawżi fil-karriera</i>
		<i>Karatteristiċi elementari tal-aħħar impjieg</i>
	Kondizzjonijiet tax-	Sigħat tax-xogħol

	xogħol inkluż sığhat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Arranġamenti tal-ħin tax-xogħol
		Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol
	Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq - dettalji, <i>inkluża edukazzjoni interrotta jew abbandunata</i>

I	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (4 ġimgħat)
		Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)
	Saħħa: status u diżabbiltà, <i>aċċess għal, disponibbiltà u użu tal-kura tas-saħħa</i> u determinanti <i>tas-saħħa</i>	Inċidenti fuq ix-xogħol u problemi oħra tas-saħħa marbuta max-xogħol
		<i>Elementi tal-</i> Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa
	Dħul, konsum u <i>elementi tal-</i> ġid, inkluż djun	Dħul mix-xogħol
		<i>Dħul minn benefiċċji tal-qgħad</i>
<i>Dħul u kondizzjonijiet tal-għajxien</i>	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika - dettalji <i>speċifiċi addizzjonali</i>
		Tul ta' żmien fil-pajjiż
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ	Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni formali (attwali)
	Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq - <i>dettalji, inkluża edukazzjoni interrotta jew abbandunata</i>

	Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Karatteristiċi tal-post tax-xogħol
		Tul tal-kuntratt

	Status ta' impjieg
	Sitwazzjoni dettaljata tas-suq tax-xogħol
	Responsabbiltajiet ta' superviżjoni
Żamma ta' impjieg, bijografija professjonali u esperjenza ta' xogħol preċedenti	Esperjenza ta' xogħol preċedenti
Kondizzjonijiet tax- xogħol inkluż sigħat tax- xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Kalendarju ta' attivitajiet
	Sigħat tax-xogħol
Saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għal, u disponibbiltà u użu ta', il-kura tas-saħħa u determinanti tas- saħħa	Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa
	Detalji dwar l-istatus ta' saħħa u diżabbiltà
	Saħħa tat-tfal
	Aċċess għall-kura tas-saħħa

		Kura tas-saħħa
		Aċċess għall-kura tas-saħħa (tfal)
		Determinanti tas-saħħa

Il-kwalità tal-ħajja, inkluż parteċipazzjoni soċjali, <i>ċivili, ekonomika</i> u kulturali, <i>inklużjoni</i> u benessri,	Kwalità tal-ħajja
	Parteċipazzjoni soċjali u kulturali
	Benessri
Kondizzjonijiet tal-għajxien, inkluż deprivazzjoni materjali, abitazzjoni, ambjent tal-għajxien, aċċess għas-servizzi	Deprivazzjoni materjali
	Deprivazzjoni <i>speċifika għat-tfal</i>
	Karatteristiċi ewlenin tal-abitazzjoni
	Kondizzjonijiet tal-abitazzjoni, inklużi deprivazzjoni <i>u kera imputata</i>
	Spejjeż tal-abitazzjoni inkluż <i>spejjeż imnaqqsa tal-utilitajiet</i>
	Ambjent tal-għajxien
	<i>Diffikultajiet ta' abitazzjoni (inkluż diffikultajiet fil-kera) u r-raġunijiet</i>
	Użu ta' servizzi, inkluż servizzi ta' kura <i>u servizzi għal għajxien indipendenti</i>
	Affordabbiltà <i>tas-servizzi</i>
	Ħtiġijiet mhux issodisfati u r-raġunijiet

		Indukrar tat-tfal
--	--	-------------------

Dħul, konsum u <i>elementi tal-ġid</i> , inkluż djun	Dħul mix-xogħol
	Dħul minn <i>trasferimenti soċjali</i>
	Dħul minn pensjonijiet
	Dħul ieħor, <i>inkluż dħul minn trasferimenti ta' proprjetà u ta' kapital u bejn unitajiet domestiċi</i>
	Taxxi u kontribuzzjonijiet <i>fil-fatt imħallsa wara t-tnaqqis</i>
	Dħul totali <i>annwali fil-livell tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi</i>
	Dejn eċċessiv, <i>inkluż ir-raġunijiet</i>
	Arretrati
	<i>Elementi tal-ġid, inkluża sjieda tal-abitazzjoni</i>
	<i>Elementi ta' konsum</i> ■
	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal- <i>vantaġġi u tal-iżvantaġġi</i>
	<i>Valutazzjoni tal-ħtiġijiet proprji</i>

Saħħa	Saħħa: status u diżabilità, <i>aċċess għal, u disponibbiltà u użu ta', il-kura tas-saħħa</i> u determinanti tas- <i>saħħa</i>	Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa
		Mard u kondizzjonijiet kroniċi
		Inċidenti u korrimenti
		Uġigħ
		Saħħa mentali, <i>inkluż dipendenzi vizzjużi</i>
		Limitazzjonijiet funzjonali
		Diffikultajiet f'attivitajiet ta' kura personali
		Diffikultajiet f'attivitajiet tad-dar
		Limitazzjoni temporanja fl-attività (minħabba problemi ta' saħħa)
		Ostakli għall-parteċipazzjoni f'oqsma speċifiċi tal-ħajja
		Użu tal-kura tas-saħħa u kura għal żmien twil
		Użu tal-mediċina

		Kura preventiva
		Aċċess għall-kura tas-saħħa
		Tul u piż

		Attività fiżika
		Drawwiet nutrittivi
		Tipjip
		Konsum tal-alkoħol
		Fatturi soċjali u ambjentali
	Dħul, konsum u <i>elementi tal-ġid</i> , inkluż djun	Dħul totali <i>fix-xahar tal-unità domestika</i>
Edukazzjoni u taħriġ	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Tul ta' żmien fil-pajjiż
	Żamma ta' impjieg, il-bijografija tal-impjieg u esperjenza ta' xogħol preċedenti	Bidu ta' impjieg
	Parteċipazzjoni fis-suq	Daqs tal-istabbiliment

	tax-xogħol	
	Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv	Livell edukattiv milħuq - dettalji, <i>inkluża edukazzjoni interrotta jew abbandunata</i>
		Sfond edukattiv
		Ħiliet awtorappurtati

Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ	Aċċess għal informazzjoni dwar possibbiltajiet ta' taħlim u gwida (12-il xahar)
	Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni formali (12-il xahar)
	Attività ta' edukazzjoni formali l-iktar reċenti - dettalji (12-il xahar)
	Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fl-edukazzjoni formali l-iktar reċenti (12-il xahar)
	Raġunijiet għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni formali l-iktar reċenti (12-il xahar)
	Pagament u sigħat tal-edukazzjoni formali l-iktar reċenti (12-il xahar)
	Riżultati u użu ta' ħliet mill-edukazzjoni formali l-iktar reċenti (12-il xahar)
	Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali (12-il xahar)
	Attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali - dettalji (12-il xahar)
	Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali (12-il xahar)
	Raġunijiet għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali (12-il xahar)
	Pagament u sigħat ta' attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali (12-il xahar)

		Riżultati u użu ta' ħiliet minn edukazzjoni mhux formali (12-il xahar)
		Ostakli għall-parteciċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ (12-il xahar)
		Tagħlim informali
	Dħul, konsum u <i>elementi tal-ġid</i> , inkluż djun	Dħul totali <i>fix-xahar tal-unità domestika</i>

Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informazzjoni	Aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni
		Użu u frekwenza tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni
		Ostakli u problemi għall-użu
		Effett tal-użu
		Sigurtà, privatezza, fiduċja
		Konnessjoni mal-internet minn kwalunkwe post
		Ħiliet diġitali
		Attivitajiet fuq l-internet
		Kummerċ elettroniku
		Interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi
	Dħul, konsum u elementi tal-ġid , inkluż djun	Dħul totali fix-xahar tal-unità domestika

Użu tal-ħin	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika - dettalji
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ	Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni formali (attwali)
	Saħħa: status u diżabbiltà, <i>aċċess għal, u disponibbiltà u użu ta', il-kura tas-saħħa</i> u determinanti tas-saħħa	Modulu Minimū tas-Saħħa fl-Ewropa
	Kondizzjonijiet tal-għajxien, inkluż deprivazzjoni materjali, abitazzjoni, ambjent tal-għajxien, aċċess għas-servizzi	Pussess ta' oġġetti li jservu żmien twil
		Indukrar tat-tfal
		Indukrar tal-morda u l-anzjani

	Kondizzjonijiet tax-xogħol inkluż sigħat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Sigħat tax-xogħol
		Arranġamenti tal-ħin tax-xogħol
	Dħul, konsum u <i>elementi tal-ġid</i> , inkluż djun	Produzzjoni għal awtokonsum u bejgħ, tiswija
		Dħul mix-xogħol
		Dħul totali <i>fix-xahar tal-unità domestika</i>
	Allokazzjoni tal-ħin	Użu tal-ħin, tipi ta' attivitajiet
		Attivitajiet paralleli
		Post tal-attività
		Preżenza ta' oħrajn waqt l-attività
		Valutazzjoni tal-attività
Konsum	Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	Kompożizzjoni tal-unità domestika - dettalji <i>speċifiċi addizzjonali</i>

--	--

	Kondizzjonijiet tal-għajxien, inkluż deprivazzjoni materjali, abitazzjoni, ambjent tal-għajxien, aċċess għas-servizzi	Karatteristiċi ewlenin tal-abitazzjoni
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ	Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni formali (attwali)
	Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Tul tal-kuntratt
	Dħul, konsum u <i>elementi tal-ġid</i> , inkluż djun	Dħul totali <i>annwali fil-livell tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi</i>
		<i>Komponenti ewlenin tal-konsum</i>
		Taxxi u kontribuzzjonijiet
		Dħul in natura minn attivitajiet mingħajr salarju
		Kera imputata
		Sors ewlieni ta' dħul

		<i>Elementi tal-ġid, inkluża sjieda tal-abitazzjoni</i>
		Djun
		Arretrati
		Konsum skont il-klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop (COICOP)
		Infiq fuq konsum transkonfinali skont il-COICOP
		Konsum proprju

ANNEX II

Rekwiżiti ta' preċiżjoni

1. Ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni għas-settijiet kollha tad-data huma espressi fi żbalji standard u definiti bħala funzjonijiet kontinwi tal-istimi attwali u tad-daqs tal-popolazzjoni statistika f'pajjiż jew f'reġjun NUTS 2.

2. L-iżball standard stmat ta' stima partikolari $\hat{S}_E(\hat{p})$ ma għandux ikun ikbar mill-ammont li ġej:

$$\sqrt{\frac{\hat{p}(1 - \hat{p})}{f(N)}}$$

3. Il-funzjoni $f(N)$ għandha tkun fil-forma $f(N)=a\sqrt{N}+b$

4. Għall-parametri N , a u b għandhom jintużaw il-valuri li ġejjin:

	N	a	b
Qasam tal- <i>forza</i> tax-xogħol: rekwiżiti ta' preċiżjoni			
Proporzjon stmat trimestrali (nazzjonali) tal-qgħad imqabbel mal-popolazzjoni ta' età minn 15 sa 74 sena	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' età minn 15 sa 74 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	7800	-4500
Proporzjon stmat trimestrali (nazzjonali) ta' nies jaħdmu mqabbel mal-popolazzjoni ta' età minn 15 sa 74 sena	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' età minn 15 sa 74 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	7800	-4500
Proporzjon stmat trimestrali tal-qgħad imqabbel mal-popolazzjoni ta' età minn 15 sa 74 sena f'kull reġjun NUTS 2	Popolazzjoni ta' età minn 15 sa 74 fir-reġjun NUTS 2 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	Ara l-punt 6	
Qasam tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien			
Proporzjon ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni	Numru ta' unitajiet domestiċi privati fil-pajjiż f'miljuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	900	2600

Proporzjon ta' riskju persistenti ta' faqar matul erba' snin imqabbel mal-popolazzjoni	Numru ta' unitajiet domestiċi privati fil-pajjiż f'miljuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	350	1000
Proporzjon ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni f'kull reġjun NUTS 2 (ara l-punt 7)	Numru ta' unitajiet domestiċi privati fir-reġjun NUTS 2 f'miljuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	600	0

Qasam tas-saħħa			
Perċentwal tal-popolazzjoni b'limitazzjonijiet gravi fl-attivitajiet normali minħabba problemi ta' saħħa (età ta' 15-il sena jew iktar)	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' 15-il sena jew iktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	1200	2800
Qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ			
Rata ta' parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali (età minn 18 sa 24)	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' età minn 18 sa 24 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	200	1500
Rata ta' parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ mhux formali (età minn 25 sa 69)	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' età minn 25 sa 69 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	400	2000
Qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni			
Perċentwal ta' individwi li ordnaw oġġetti jew servizzi minn fuq l-internet għall-użu privat fl-aħħar	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' età minn 16 sa 74 li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u	400	1300

sena	mqarrba għal 3 ċifri deċimali		
Qasam tal-użu tal-ħin			

Perċentwal tal-popolazzjoni ta' 15-il sena u iktar li bħala medja jgħaddu iktar minn 10 % tal-ħin kuljum fuq xogħol imħallas	Popolazzjoni tal-pajjiż ta' 15-il sena jew iktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, f'miljuni ta' persuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	900	3500
Qasam tal-konsum			
Perċentwal ta' unitajiet domestiċi li n-nefqa tagħhom fuq kategoriji marbutin mal-abitazzjoni inkluż ilma, elettriku, gass u fjuwils oħra, hija iktar minn 50 % tan-nefqa totali (ara l-punt 8)	Għadd ta' unitajiet domestiċi privati fil-pajjiż, f'miljuni u mqarrba għal 3 ċifri deċimali	600	1600

5. Fejn il-pajjiżi jiksbu valuri ta' $f(N)$ negattivi bil-parametri espressi hawn fuq, huma għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit korrispondenti.
6. Għall-proporzjon stmat tal-qgħad imqabbel mal-popolazzjoni ta' età minn 15 sa 74 sena f'kull reġjun NUTS 2, il-funzjoni $f(N)$ hija definita kif ġej:

$$f(N_{r,15-74}) = \begin{cases} 1300, & \text{if } N_{r,15-74} \geq 0,300 \text{ miljun abitant} \\ \frac{1300}{0,3} N_{r,15-74}, & \text{if } N_{r,15-74} < 0,300 \text{ miljun abitant} \end{cases}$$

7. Għall-proporzjon stmat ta' nies friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni f'kull reġjun NUTS 2, daww ir-rekwiżiti mhumieħ obbligatorji għar-reġjuni NUTS 2 b'inqas minn 0,500 miljun abitant, sakemm ir-reġjun NUTS 1 korrispondenti jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit. ***Ir-reġjuni NUTS 1 b'inqas minn 100 000 abitant huma eżentati mir-rekwiżit.***
8. Għall-oqsma tal-***użu tal-ħin*** u tal-konsum, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni jistgħu jintlaħqu billi tinġabar flimkien mikrodata li tikkonċerna massimu ta' tliet snin suċċessivi ta' osservazzjonijiet. ***Għal daww l-oqsma l-preċiżjoni tista' tiġi stmata u valutata bl-użu ta' metodi alternattivi rilevanti.***

ANNESS III

Karatteristiċi tal-kampjun

1. Il-karatteristiċi tal-kampjun tal-qasam tal-**forza** tax-xogħol għandhom jinkludu:
 - (a) il-kampjun nazzjonali għat-trimestru ta' referenza (aggregazzjoni ta' ġimgħat ta' referenza konsekuttivi) għandu jitqassam uniformement bejn il-ġimgħat kollha tat-trimestru. Il-kampjun għat-trimestru ta' referenza (f'kull reġjun NUTS 2) għandu jitqassam fuq 3 xhur b'mod proporzjonali għall-għadd ta' ġimgħat f'kull xahar;
 - (b) il-kampjun għandu jkollu **skema** ta' rotazzjoni infra-annwali. Irid ikun hemm trikkib minimu tal-kampjun ta' 20 % bejn l-istess trimestri fi snin konsekuttivi u ta' 50 % bejn trimestri konsekuttivi mingħajr ma titqies l-attribuzzjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-**punt (e) tal-Artikolu 7(1)**, id-data għandha tiġi fornuta għall-kampjun kollu.

2. Il-karatteristiċi tal-kampjun fil-qasam tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien għandhom jinkludu:
 - (a) il-kampjun għandu jkollu **skema ta' rotazzjoni fuq minimu ta' erba' snin. Jekk jitqies possibbli mill-Istat Membru, il-kampjun għandu jkollu skema ta' rotazzjoni fuq sitt snin jew iktar;**
 - (b) mingħajr ma titqies l-attribuzzjoni, il-kampjun għandu jitqassam b'mod ugwali tul is-snin tal-iskema ta' rotazzjoni, ħlief matul il-perijodu ta' bidliet fid-daqs tal-kampjun.
3. Il-karatteristiċi tal-kampjun tal-qasam tal-użu tal-ħin għandhom jinkludu: il-perijodi tar-rappurtar allokat lill-unitajiet tal-kampjun għandhom:
 - (a) jitqassmu tul perijodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi;
 - (b) jinkludu jiem mhux tax-xogħol;
 - (c) ikunu bbażati fuq kampjun aleatorju.

4. Il-karatteristiċi tal-kampjun tal-qasam tal-konsum għandhom jinkludu: il-perijodi tar-rappurtar allokati lill-unitajiet tal-kampjun għandhom jitqassmu fuq perijodu ta' t_{max} -il xahar konsekuttivi.

ANNESS IV

Perjodiċità

1. Għall-qasam tal-**forza** tax-xogħol, id-data għandha tinġabar kull trimestru, kull sena, kull sentejn u kull tmien snin. Id-data dwar il-varjabbli marbuta ma' suġġetti ad hoc għandha tinġabar kull erba' snin.
2. Għall-qasam tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, id-data għandha tinġabar **kull sena, kull tliet snin u kull sitt snin**. Id-data dwar il-varjabbli marbuta ma' suġġetti ad hoc għandha tinġabar kull sentejn.
3. Għall-qasam tas-saħħa, id-data għandha tinġabar kull sitt snin.
4. Għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-data għandha tinġabar kull sitt snin.
5. Għall-qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, id-data għandha tinġabar kull sena.
6. Għall-qasam tal-użu tal-ħin, id-data għandha tinġabar kull 10 snin.
7. Għall-qasam tal-konsum, id-data għandha tinġabar kull ħames snin.
8. ***Biex jiġu evitati perijodi ta' ġbir ta' data mgħobbija żżejjed, l-ippjanar kontinwu multiannwali stabbilit fl-Artikolu 4 għandu, fejn ikun rilevanti, jiddekorri għal massimu ta' sena waħda mill-perijodi ta' ġbir ta' data għall-oqsma msemmija fil-punti 3, 4, 6 u 7 ta' dan l-Anness.***

ANNESS V

Skadenzi għat-trażmissjoni tad-data

L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data meħtieġa lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti f'dan l-Anness.

1. Għall-qasam tal-**forza** tax-xogħol:

(1) L-Istati Membri għandhom jibagħtu mikrodato verifikata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti, skont il-proċedura f'żewġ stadji li ġejja:

(a) matul l-ewwel tliet snin ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif previst fl-Artikolu 11(4):

- għal data trimestrali: fi żmien għaxar ġimgħat minn tmiem il-perijodu ta' referenza,
- għal data oħra: sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti;

(b) mir-raba' sena ta' implimentazzjoni kif ġej:

- għal data trimestrali: **fi żmien tmien ġimgħat minn tmiem il-perijodu ta' referenza,**
- għal data oħra **mibgħuta regolarment**: sal-15 ta' Marzu **tas-sena** sussegwenti,
- **għal data oħra dwar suġġetti ad hoc: sal-31 ta' Marzu** tas-sena sussegwenti.

Fejn daww l-iskadenzi jaħbtu s-Sibt jew il-Ħadd, l-iskadenza effettiva għandha tkun it-Tnejn ta' wara.

It-tema dettaljata "dħul mix-xogħol" tista' tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien **ħmistax**-il xahar minn tmiem il-perijodu ta' referenza.

(2) ir-riżultati aggregati għall-kompilazzjoni tal-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad fi żmien 25 jum mix-xahar ta' referenza **jew mix-xahar kalendarju, skont il-każ. Jekk id-data tintbagħat f'konformità mad-definizzjoni tal-ILO, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża għal 27 jum.**

2. Għall-qasam tal-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, l-Istati Membri għandhom jibagħtu mikrodata verifikata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti, f'konformità mal-iskadenzi li ġejjin:
 - (a) fir-rigward tal-varjabbli għall-ġbir tad-data tas-sena N, sal-aħħar tas-sena N, iżda f'każijiet eċċezzjonali ■ tista' tintbagħat mikrodata proviżorja dwar id-dħul sal-aħħar tas- ■ sena N, u data *riveduta* sat-28 ta' Frar tas-sena N+1;
 - (b) fir-rigward tal-varjabbli marbuta mal-*osservazzjoni li tkopri s*-snin tal-iskema ta' rotazzjoni li tispiċċa fis-sena N, sal-31 ta' Ottubru tas-sena N+1.
3. Għall-qasam tas-saħħa, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodata verifikata minn qabel *mingħajr identifikaturi diretti* fi żmien disa' xhur minn tmiem il-perijodu nazzjonali għall-ġbir tad-data.
4. Għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodata verifikata minn qabel *mingħajr identifikaturi diretti* fi żmien sitt xhur minn tmiem il-perijodu nazzjonali għall-ġbir tad-data.
5. Għall-qasam tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodata verifikata minn qabel *mingħajr identifikaturi diretti* sal-5 ta' Ottubru tas-sena tal-istħarriġ N.
6. Għall-qasam tal-użu tal-ħin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodata verifikata minn qabel *mingħajr identifikaturi diretti* fi żmien ħmistax-il xahar minn meta jitlesta l-ġbir tad-data.
7. Għall-qasam tal-konsum, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-mikrodata verifikata minn qabel *mingħajr identifikaturi diretti* fi żmien ħmistax-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni b'rabta mal-Artikolu 14(2) dwar il-koperazzjoni mal-Aġenziji tal-Unjoni

Biex tkun żgurata l-koerenza u l-komparabbiltà tal-istatistika soċjali Ewropea, il-Kummissjoni se ssaħħa il-koperazzjoni mal-Aġenziji tal-Unjoni skont l-Artikolu 14(2) u l-premessi relatati (12 u 33). Din se tinkludi koperazzjoni msaħħa fuq it-tekniki tal-istatistika, il-metodoloġija, il-kwalità, l-istrumenti ġodda u s-sorsi tad-*data*.